Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa tlettin (30), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar it-Tlieta, 21 t'April 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Mercieca | Ambaxxatur Lokali |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. <u>Talba</u>

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba. Is-Sindku ta' merħba lis-Sur Joseph Mercieca għal ħidma tiegħu bħala Ambaxxatur Lokali kif ukoll ippreżentalu ċertifikat tal-Vot 16. Il-laqgħa kellha ssir fil-21 t'April 2015 peress li fit-22 t'April 2015 il-Viċi Sindku ma setax jattendi.

2. <u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

2.1 Il-minuti tal-laqgħa tmienja u għoxrin (28) li kienu ġew approvati fil-laqgħa li għaddiet ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-minuti tad-disa' u għoxrin (29) laqgħa ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

2.2 Il-*website provider* il-ġdid għandu bżonn ritratti tal-lokalita' sabiex ikun jista' jkompli jibni l-*website* l-ġdida u ser terġa tintalab kopja tar-ritratti mill-Kumpanija *My Destinations Malta* u li l-apparat ta' l-*online streaming* ma jistax jibda' jiffunzjona qabel ma l-Kunsill ikollu l-*website* taħdem. Il-*website provider* il-ġdid informa lil Kunsill li l-ġimgħa d-dieħla l-*website* il-ġdida www.fontanagozo.com għandha tibda' tiffunzjona. Is-Sindku ipproppona li għandu jsir ftehim mas-Sur William Sultana biex ma jinbidilx il-prezz li kwota lil Kunsill matul is-sena fil-laqgħa 28. Il-membri qablu.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

2.3 Ġiet infurmata l-Kumpanija Visage Ltd bir-risposta ta' Transport Malta li ma ngħatawx permess ta' *un/loading bay*.

2.4 Rigward it-talba tas-Sur Mercieca li saret fil-laqgħa preċedenti jekk l-isqaqien ta' Triq il-Għajn, humiex tal-Kunsill jew le. Is-Seg. Eżekuttiv tagħat kopja ta' lista ta' toroq u sqaqien li ġabet mill-Asst. Direttur Pio Farrugia tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Lista ta' toroq li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jagħmel manteniment fihom. Għalhekk il-membri qablu li isir is-siment fejn qed izomm l-ilma fi Sqaq Nru 6 fi Triq il-Għajn. Is-Sur Farrugia qal li hu ilu jgħid li Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata hu privat u din il-lista' turi dan. Is-Sur Micallef informa lil prezenti li din il-ġimgħa ikomunika ma Anthony Theuma tal-Lands fejn infurmah li l-isqaqien kollha huma privati inkluz Triq is-Sajjieda u li dawn huma *updated* riċentament. Is-Sindku qal li dwar Triq is-Sajjieda l-gvern ċentrali kien ta kisja asfalt u l-Kunsill kien għamilha bit-tarmac fil-1996. Il-membri qablu li għandhom jimxu mal-lista' li ġiet mogħtija lil Kunsill mid-Dipartiment.

2.5 L-Avukat tal-Kunsill Jean Paul Grech bgħat ir-risposta tal-Kunsill lil Ombudsman rigward r-raġuni tal-Kunsill għaliex ma jaqbilx mal-ħlas li intalab mis-Sinjura Abela.

2.6 Rigward it-talba minngħand Maria Bartolo Galea –*inclusive Employment scheme* mill-ETC għal laqgħa ta' informazzjoni għal persuni b'dizabilita', is-Sinjura Bartolo Galea talbet lil Kunsill sabiex jibgħat avviż fid-djar sabiex ikun jaf min hu interessat. Il-membri qablu li għandu jitqassam avviż lir-residenti liema kliem għandu jiġi ifformulat mis-Sinjura Bartolo Galea.

2.7 Il-Kunsill irċieva l-*acknowledgement letter* għal-Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2015 – 16.

2.8 Il-Gozo Concrete Products reġgħu ġeddu l-garanzija bankarja għal sitt xhur oħra, liema garanzija tiskadi fil-25 ta' Settembru 2015.

2.9 Intbgħatet l-ittra lil Transport Malta sabiex jitwaħħlu l-*bollards* quddiem id-dar ta' Wenzu Portelli fi Triq l-Isptar San Giljan.

2.10 It-tabelli ta' Wied Siekel tan-*no entry for motorcycles* għadhom ma ġewx imwaħħla peress li iridu jinxtraw żewġ *pipe poles* li jinqasmu minn nofs u biex jeħlu ukoll it-tabella tax-Xlendi ta' Triq San Martin u għal-mera ta' fejn l-Għejjun. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jitlob il-permess ta' Transport Malta biex il-mera li l-Gvern Centrali waħħal ma' l-Għajn il-



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Kbira titneħħa peress li din l-Għajn hi skedata grad 1 mill-MEPA daqs iċ-ċittadella u teħel fuq il-bankina kif kienet qabel. Il-membri qablu.

2.11 Intbgħatet ukoll l-ittra lil Fr Charles Cini sabiex il-post li jinsab faċċata tal-Knisja jingħalaq u ma jħalliex żbandun peress li qed ikun hemm ħafna ħamiem iżda l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta. Is-Sindku propona li s-Seg għandha tavvicinah bit-*telephone*. Is-Sindku propona li għanha tinkines il-bankina mill-ħaddiema tal-Kunsill.

2.12 Is-Sindku qal li t-tabella tax-Xlendi m'għandiex teħel fejn id-Dolphin Pools iżda ppropona li teħel fil-kantuniera ta' Triq San Martin peress li r-residenti ta' din it-triq qed jilmentaw li l-karozzi qedgħdin jippruvaw jinżlu minn din it-triq. Is-Sur Mercieca ma qabilx li ma ssirx tabella oħra fi Triq l-Isptar San Giljan bħal ma dejjem kien hemm u qal li jekk hemm bzonn teħel oħra fejn qed jipproponi is-Sindku. Is-Sindku qal li mal-Kunvent ta' Pompei hemm diġa oħra imwaħħla. Is-Sur Micallef qal li hu jaħseb li ukoll għandha teħel waħda fi Triq l-Isptar San Giljan. Is-Sindku qal li ta' Triq l-Isptar San Giljan għandha ssir mill-Gvern Ċentrali peress li hi triq arterja. Il-membri qablu li t-tabella li turi d-direzzjoni lejn ix-Xlendi għandha teħel fuq arblu fil-kantuniera ta' Triq San Martin.

2.13 Is-Sindku qal li l-offerta li s-Sur Micallef informa lil Kunsill li ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex għal kisi ta' Triq l-Isptar San Ġiljan kienet diġa ġiet irtirata meta nforma lil Kunsill. Is-Sur Micallef qal li suppost ser terġa toħroġ sa l-aħħar tal-ġimgħa u ser jizdied *main* iehor ta' l-ilma għax hekk qed isir f'kull triq li qed issir.

2.14 Rigward id-dikjarazzjoni li ħareġ il-Kunsillier is-Sur Micallef fil-laqgħa li għaddiet is-Sindku ikkumenta li biex it-tfal ikunu inkoraġġuti sabiex jattendu għall-attivitajiet u funzjonijiet reliġjużi hu ta' ħtieġa kbira li jkollhom Ċentru tat-tfal u Żagħżagħ li jkun jiffunzjona u mimli b'attivitajiet ta' nteress għalihom bħal ma hemm f'lokalitajiet oħra f'Għawdex u f'Malta biex b'hekk jikbru f'ambjent nadif u b'formazzjoni reliġjuża, iżda b'dispjaċir wieħed jgħid li l-lokalita' tagħna hija nieqsa minn Ċentru attiv, għalhekk it-tfal tagħna malli jilħqu ċerta eta' ifittxu nħawi oħra fir-Rabat fosthom Klabb tal-Futbol li lanqas għandna fil-lokalita' fejn iqattgħu l-ħin liberu tagħhom. Dwar ambjent sa mit-twaqqif tieghu, il-Kunsill haseb biex iħawwel siġar u jipprovdi *playing field* fejn it-tfal u żagħżagħ ikunu jistgħu iqattgħu il-ħin liberu tagħhom.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bo[illegible]

3. Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Separat

3.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi irċeviet risposta mill-Green Pak fejn il-Kunsill ġie infurmat illi ma jista' jibdel xejn mill-proposta li kien bagħat lil Kunsill f'Diċembru 2014. Reġgħet intbgħatet emejl oħra lis-Sur Joe Attard tal-Kumpanija Green MT sabiex jgħaddi l-ammont dovut lil Kunsill sa Frar 2012 liema fondi jammontaw għal €1230. Is-Sur Attard irrisponda illi sakemm il-Kunsill ikun lest li jaċċetta li dan hu l-ammont finali li l-iskema għandha tgħaddi lil Kunsill hu ma jsib l-ebda diffikulta li jħallas sa l-aħħar tal-ġimgħa. Is-Sur Micallef qal li l-Green MT għandu jħallas lil Kunsill u tiġi ffirmata karta li hu l-ammont finali sa Frar 2012. Is-Sindku ippropona li issir ittra eżekuttiva bl-avukat biex iħallas fi 30 gurnata u jittieħed il-parir ta' l-avukat. L-avukat għandu wkoll ikellem lil Green MT. Is-Sur Mercieca qal li hu importanti li l-Kunsill ifittex jiffirma kuntratt ma xi kumpanija minnhom peress li l-Kunsill qed jitlef il-flus u li fl-interess tal-Green MT hu li ma jiġix iffirmat il-kuntratt. Il-membri qablu.

4. Korrispondenza

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li waslet din il-korrispondenza fl-uffiċċju tal-Kunsill:

4.1 Ittra minngħand Grech & Grech Associates għan-nom tas-Sur Maurice Zammit ta' u jinbena *retaining wall* minflok il-ħajt tas-sejjiegħ. Is-Sur Micallef ippropona li s-Sur Zammit għandu jitlob permess mill-Kunsill sabiex ikun jista' jidħol mis-*soft area* peress li mis-sqaq ma jistax jidħol b'inġenji kbar. Is-Sindku qal li f'kundizzjoni tal-MEPA hemm miktub li għandha titħares is-*soft area*. Is-Sur Micallef qal li mhux problema għal-Kunsill li itih permess imma wara li jeħles jerġa' jagħmlu. Il-membri qablu li l-bozza tinqala' proviżorjament u x'hin ilesti terġa teħel. Is-Sur Mercieca staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel is-*soft area* bil-permess. Il-Viċi Sindku qabel mas-Sur Micallef li jekk jitlob biex iwaqqa' biċċa mis-*soft area* sabiex ikun jista' jaħdem proviżorjament ma tkunx problema. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jibgħatlu risposta bl-avukat fejn jiġi infurmat li għandu jimxi skond il-kundizzjonijiet u regolamenti tal-MEPA.

4.2 Ittra minngħand id-Direttur tal-Gvern Lokali fejn informa lil Kunsill li t-talba għal għajnuna rigward MEMO 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014 – 2015 sabiex tittella' l-attivita' *Fontana Fireworks Festival* ma' ġietx milqugħa. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Furjana bħas-sena l-oħra ġew mogħtija fondi għal Festival tan-nar fuq il-Fosos fl-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Faži taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Boy

okkażżjoni tal-Festa ta' San Publiju u l-Fontana għal darb'oħra ma nghatawx. Is-Sindku awguraw lil Ghaqda tan-Nar tal-Fontana peress li ġiet it-tielet minn Malta u Għawdex u l-ewwel għal materjal użat f'dan il-*Festival*. Is-Sur Micallef qal li hu wkoll kien ser isemmi l-awgurju tiegħu f'dan ir-rigward. Il-membri qablu li għandhom jibgħatu ittra ta' awguri lil Għaqda.

4.3 Emejl minngħand l-ANZEK sabiex il-Kunsill iġedded l-sħubija korporattiva tal-Kunsill. Il-membri qablu li din is-sħubija tiġi mġedda.

4.4 Emejl minnghand il-KDF għan-nominazzjonijiet tal-Premju 'Familja Qalb tad-Deheb'.

4.5 Ittra minngħand il-Kappillan fejn talab għajnuna lil Kunsill għal organizzazzjoni ta' Festa Tfal li ser issir fil-31 ta' Mejju 2015. Il-membri qablu li tingħata għajnuna lil Paroċċa bħal ma jingħata kull sena.

4.6 Emejn minnghand is-Sur Charles Borg sabiex jipprovdi korsijiet għal bdiews sabiex iġibu l-liċenzja tal-bexx. Qablu wkoll li għandu jintbgħat avviż lir-residenti iżda qabel il-Kunsill jistaqsi kemm ser ikun il-ħlas għal dan il-kors għar-residenti.

4.7 Emejl għan-nominizzjoni għal Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2015.

4.8 Emejl sabiex fil-lejl tal-11 u 12 ta' Mejju 2015 jinxteghel b'dawl ikulurit xi bini fil-lokalita' biex tiġi imfakkra l-*International Awareness Day*. Il-membri qablu li jinxteghelu l-għejjun blu u vjola u għalhekk għandu jitqabbad il-kuntrattur Chris Gauci.

4.9 Is-Sindku nforma lil prezenti li l-Kunsill irċieva l-*agenda* tal-MEPA għas-seduta ta' nhar it-28 t'April 2015 dwar il-permess tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Huwa qal li l-permess huwa rakkomandat li joħroġ. Is-Sur Mercieca qal li dalgħodu ltaqa' mal-Kuntrattur fejn staqsieh fiex wasal il-permess. Il-membri qablu li għandu jigi iffirmat il-Kuntratt mal-Kuntrattur li ser inaddaf il-wied malli joħorġu l-permessi meħtieġa. Is-Sindku propona u l-membri qablu wkoll li l-Kunsill għandu jerga' jikteb lid-Direttur ta' l-Eco Gozo u kopja lil Ministru għal Ghawdex sabiex ningħataw il-fondi li baqa' pendenti li huma ta' madwar €47,000.

5. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

Skeda Nru 25 tal-ħlasijiet ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

6. Materji Oħra

6.1 Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet lil preżenti kif ser ikunu imqassma l-bejjiegħa tal-*kiosks* għal-Festa tal-Qalb ta' Gesu' għal din is-sena. Is-Sindku innota li fi Triq il-Għajn kantuniera ma Triq ta' Mulejja qed ikun vojt. Għal dan il-għan is-Sur Mercieca ippropona li kollox jintrama l-isfel mill-Knisja minħabba l-armar. Is-Sur Micallef qal li importanti li din tiġi isettiljata biex ma jiġrix bħas-sena l-oħra. Għalhekk il-membri qablu li l-permessi jingħataw l-isfel mill-Knisja l-ewwel wieħed Joseph Portelli *(tat-toys)*, Noel Mercieca *(tal-burgers)* u Rapa *(tal-granita)*.

6.2 Is-Sindku informa lil preżenti li l-istatwa tal-Kunċizzjoni giet restawrata u miżbugħa bl-ilwien li kellha madwar 300 sena ilu u bħalissa tinsab miġbura fil-proprjeta' tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li l-ħġieġa għandha ssir *laminated* sabiex jekk jitfgħu xi ġebla ma tinkisirx. Is-Sindku qal li għandu dubju jekk toqgħodx fil-battent tal-gwerniċ u għalhekk il-membri qablu li li jagħmluha rqiqa.

6.3 Suġġeriment minn għand il-Fontana Cottage sabiex titwaħħal tabella ma l-Għajn ta' Bendu sabiex ma jsirx ħasil ta' karozzi. Il-Viċi Sindku qal li skond il-liġi il-ħasil jista' jsir dment li ma jintefax sapun. Is-Sur Micallef qal li darba kien hemm tabella mwaħħla li ma jistax isir ħasil. Is-Sur Farrugia qal li bħalissa x'ħin jinżlu t-turisti mill-*coaches* qegħdin isibu ruħhom f'nofs it-triq u qed ikunu fil-perikolu. Is-Sur Mercieca iħoss li hemm ma għandu jieqaf ħadd la karozzi u lanqas *coaches*. Is-Sindku qal li sabiex titgawda aħjar l-Għajn ta' Bendu hemm ma għandu jieqaf ħadd u ħadd ma għandu jingombra it-traffiku. Is-Sindku qal li sakemm ma hemmx *bye law* il-ħasil tal-karozzi jista' jsir avolja hu personalment ma jaqbilx. Is-Sur Mercieca qal li kien diġa ippropona li isir *double yellow line*. Is-Sindku qal li meta ħareġ il-permess mill-MEPA għal proġett ta' Pjazza l-Għejjun li sar mill-Kunsill kien hemm li ssir kaxxa safra forma ta' gradilja quddiem l-Għajn ta' Bendu sabiex ħadd ma jipparkja. Għalhekk il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta biex isiru id-*double yellow lines* biex ma jkunx hemm perikolu. Is-Sindku informa lil preżenti li l-'air condition' li kien hemm taħt il-Għajn ta' Bendu fi Pjazza l-Għejjun tneħħiet wara li sar rapport lil MEPA

6.4 Talba sabiex terġa' tinżebaħ il-*Give Way* fi Triq Għajn u ssir *One Way Sign* ġdida peress li hi mgħawġa fi Triq il-Ghajn kantuniera ma Triq il-Qalb ta' Gesu'. Għat-tabella għandhom jintbgħatu il-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sur Mercieca qal li għandha ssir *no parking* provezorjament fi Triq il-Kappilan



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Hili sabiex jinzebgħu il-*parking bays*. Is-Sur Micallef qal li jekk il-Kunsill jiprovdi iz-zebgħa ħu jibgħat il-ħaddiema tal-gvern.

6.5 Il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex informa lis-Seg. Eżekuttiv sabiex l-Kunsill jibgħat ittra lir-residenti fejn il-Kunsill qed jitlob li jinbidlu l-ismijiet tat-toroq jekk jaqblux jew le. Biex jinbidel l-isem tat-triq l-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq ikun hemm l-approvazzjoni tar-residenti. Is-Sur Mercieca staqsa jekk ir-residenti humiex ser jidħlu fi spejjes zejda. Is-Sur Micallef qal li jekk il-Kunsill jaqbel li jinbidel l-isem tat-triq, il-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti biex jinfurmuhom b'dan. Is-Sur Farrugia qal li Triq Għar Gerduf ma għandiex x'taqsam mal-Fontana. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti fejn ninfurmawhom b'dan it-tibdil.

6.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Perit għandu jiltaqa' mal-Kuntrattur Jason Gauci sabiex għal bidu tal-ġimgħa d-dieħla jingħata bidu għal bini tat-tkomplija tal-ħajt ta' Triq John Gaspard le Marchant.

6.7 Is-Seg. Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinbidel l-iskrivanija tal-uffiċċju peress li ma għandiex kxaxen jissakkru. Il-membri qablu li tinxtara oħra.

*Mis-Sindku*

6.8 Is-Sindku informa lil preżenti illi hemm bzonn li tinqala' l-*cactus* li hemm fejn il-bank fi Triq l-Isptar San Giljan peress li hi ta' periklu għal min ikun bil-qeda fuq il-bank u informa wkoll lil preżenti li ser jinbidel il-bank peress li hu miksur. Il-membri qablu li għandhom jgħidu lil Neville Mercieca jaqlagħha peress li hi perikoluża. Is-Sur Micallef propona li għandna nibgħatu lil ħaddiema jnaddfu sew dik il-parti peress li hemm ħafna ħmieġ. Is-Sur Mercieca staqsa jekk hux ser jinhaslu t-toroq qabel il-festa.

6.9 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li attenda għal laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-Banca Giuratale.

6.10 Ġew imwaħħla 40 pjanta ta' l-*Stella Maris* ħdejn il-*bring in sites* fi Triq ta' Mulejja mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.11 Is-Sindku informa lil prezenti li kellu intervista fuq ir-radio fil-31 ta' Jannar 2015 u li ma kienx qal fil-laqgħa ta' Frar peress li kien skuzat f'dik il-laqgħa.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel. 21558877 – Fax: 21562555



S. Bo[illegible]

6.12 Tpoġġew tnax-il qasrija ġdida fuq il-pilastri tar-*railing* l-isfel mill-Knisja. Dan wara li saret manutenzjoni lir-*railing* u l-istess pilastri li tqiegħdu fuqhom il-qsari l-ġodda.

6.13 Sar it-twaħħil tat-tabella 'MERĦBA' Fontana fil-bidu tat-triq f'tarf Triq John Gaspard Le Merchant li tagħti għal Triq Santa Dminka.

6.14 Sar ir-*referendum* dwar il-kaċċa fir-Rebbiegħa fis-Sala tal-Kommunita' fejn is-Seg. Eżekuttiv bgħatet l-*invoice* ta' €300 għal pagament tal-kiri tas-Sala lil Kummissjoni Elettorali.

6.15 Sar it-twaħħil ta' plakki taċ-ċeramika bl-ismijiet rispettivi ma' l-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Ħendu, Replika ta' l-Għajn tal-Loġoġ u x-Xelter tal-Gwerra fi Pjazza l-Għejjun mill-ħaddiema tal-Kunsill.

6.16 Sar it-twaħħil ta' tabella tat-traffiku *Slow* fil-bidu ta' Triq is-Sajjieda.

6.17 Is-Sindku informa lil preżenti li kellu laqgħa mal-Perit Gordon Vella fuq il-post fejn ser isir it-tkomplija tal-ħajt ta' l-aħħar 35 metru fi Triq John Gaspard le Marchant.

6.18 Sar it-twaħħil ta' żewġ tabelli ħdejn il-Knisja u fil-bidu ta' Triq ta' Mulejja li jindikaw fejn hu l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sindku propona prominenza bil-lingwa maltija peress li l-prominenza ingħatat lil lingwa ingliża. Is-Sur Mercieca qal li jekk ikollna xi kritika għandhom jinbidlu izda l-membri qablu li aħjar jinbidlu qabel ikun hawn xi kritika.

6.19 Is-Sindku propona sabiex il-*litter bin* li kien ingħata mill-Green MT li għad baqa jeħel fejn iċ-Ċentru Ċiviku minflok dak eżistenti peress li ma tantx hu kbir. Il-membri qablu. Is-Sindku informa wkoll li għandhom bzonn jitbiddlu iz-zewġ *bins* imkissra fi Triq John Gaspard le Marchant. Il-membri qablu.

6.20 Is-Sindku propona li għandha teħel *bollard* oħra fil-bidu ta' Wied Siekel peress li bejn *bollard* u l-ħajt tas-sejjiegħ hemm iktar wisa' bil-konsegwenza li qed jgħaddu l-karozzi minn bejniethom. Is-Sur Mercieca propona li għandu jitkejjel l-ispazzju li hemm ħalli jsir dak li hemm bzonn isir.

6.21 Is-Sindku propona li tinbidel l-*isticker* tal-*Cul de Sac* fil-bidu ta' Sqaq tal-Mitħna ta' Randu u *Victoria Centre* fil-bidu ta' Triq Grezzja Grima. Il-membri qablu.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

6.22 Is-Sindku informa lil preżenti li wasal iż-żmien sabiex jitħawwlu ma l-40 qasrija fi Triq John Gaspard le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Il-membri qablu li dan għandu jsir u li jiġi avviċinat wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jibda' jsaqqihom billi jimla' l-ilma mill-Għejjun u jekk il-ħaddiem tal-Kunsill ma jaċċettax li juża t-trasport tiegħu, l-Kunsill għandu jgħid lis-Sur Joe Mercieca. Is-Sindku propona li dan il-ħaddiem għandu jieħu ħsieb dawn l-inħawi u jerġa' jiżbogħ ħafif il-bankijiet. Is-Sur Mercieca offra li jekk l-Kunsill jaqbel hu lest li jġorr l-ilma hu bit-trak tiegħu. Il-membri qablu li l-ewwel għandu jiġi avviċinat il-ħaddiem tal-Kunsill peress li dawn iridu jiġu msaqqija darbtejn fil-ġimgħa.

6.23 Is-Sindku propona li jsiru *pots* sbieħ quddiem il-Knisja fuq iż-żuntier kif ukoll isiru *pots* oħra fil-*playing field*. Il-membri qablu.

6.24 Is-Sindku propona sabiex jinżebgħu l-arbli tal-globi ta' fuq iż-żuntier peress li dawk huma devoluti lil Kunsill. Il-membri qablu.

6.25 Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandha ssir Harġa għal Malta minn nofs Mejju l'hemm għal Festa tal-Halib fil-Għargħur. Is-Sur Micallef qal li ser ikun hemm Fiera tal-Bebbux u tar-Ravjul. Is-Sindku qal li xi darba nieħdu lin-nies fin-*National Wildlife* ta' l-Imtaħleb. Il-membri qablu li għandu jintbgħat avviż f'dan ir-rigward lir-residenti.

6.26 Is-Sindku propona biex il-Kunsill jiġbor kwotazzjonijiet għal ħarġa fi Sqallija bħal ma jsir kull sena waqt li s-Sur Mercieca propona u l-membri qablu li minflok imorru ġurnata sħiħa, r-residenti jagħmlu lejl f'lukanda wkoll. Għalhekk il-membri qablu li għandhom jinġiebu l-prezzijiet f'dan ir-rigward.

*Mill-Viċi Sindku*

6.27 Il-Viċi Sindku propona sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem Josephine Galea fi Triq il-Kappillan Hili peress li hija ta' perikolu għax intrefgħet. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jara x'hemm bżonn isir.

*Mis-Sur Horace Micallef*

6.28 Is-Sur Micallef staqsa lil Kunsill jekk sarx xi ħaġa rigward il-kontrabejt ta' fuq iċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku informa lil preżenti li iltaqa' mal-Perit u infurmah li l-*insulation* tista' ssir ukoll minn ġewwa u li għandu jsir il-*membrane*. Is-Sur Micallef qal li hu importanti li jsir qabel il-festa. Il-membri qablu li għandha tissejjaħ laqgħa mal-Perit fuq il-post ħalli l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi x'għandu jagħmel.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Faži taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

6.29 Is-Sur Micallef reġa talab sabiex it-tabella *Welcome to Fontana* ta' fejn in-niċċa tal-Kunċizzjoni tinżebgħah u tal-bidu ta' Triq l-Isptar San Ġiljan terġa' ssir mill-ġdid peress li din ma għadiex tidher bix-xemx. Is-Sindku infurmah li x'ħin ikun lest ir-restawr tan-niċċa jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill jizbgħuha. Il-membri qablu li għandha terġa issir talba lil HSBC biex tinbidel iżda qabel issir verifikazzjoni jekk dawn għadhomx f'idejn l-HSBC.

6.30 Is-Sur Micallef ippropona sabiex jitpoġġew *pots* fit-taraġ ta' Triq John Gaspard le Marchant. Il-membri qablu li dawn isiru.

6.31 Is-Sur Micallef propona sabiex il-*floodlights* ta' Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili daru għax intlaqtu minn xi vetturi u d-dawl tagħhom qed ikun ta' detriment u perikolu għas-sewwieqa. Il-membri qablu li għandhom jinxtraw żewġ LED's żgħar.

6.32 Is-Sur Micallef ippropona li jintbgħat avviż fid-djar sabiex jiġi ffurmat il-Kunsill taż-Żagħżagħ u stieden lil Ambaxxatur Lokali sabiex ikun membru fih. Il-membri qablu.

*Mis-Sur Carmel Farrugia*

6.33 Is-Sur Farrugia propona li terġa' ssir talba lil Enemalta sabiex l-*wires* kollha ta' fejn l-Għejjun jsiru *underground.* Il-membri qablu li għanha tinkiteb ittra f'dan ir-rigward lil Enġineer Mizzi.

*Mis-Sur Mario Mercieca*

6.34 Is-Sur Mercieca propona li titranġa t-tabella tal-Kunsill li hemm imwaħħla fuq il-bieb tal-Kunsill. Il-membri qablu.

6.35 Is-Sur Mercieca informa lil preżenti li kantuniera maż-*zebra crossing* fi Triq Kappillan Ġużeppi Hili fi Triq Santa Dminka fil-konfini tar-Rabat kien hemm *double yellow line* fil-kantuniera iżda dan xi ħadd ċeknu. Kompla jgħid li dan qed ikun ta' perikolu għal min ikun hiereġ minn Triq Kappillan Hili. Is-Sur Micallef qal li bil-liġi dan għandu jkun twil ħames metri. Il-membri qablu li għandu jinbagħat ħaddiem mill-Kunsill peress li qabel ma ingħata it-*tarmac* kien twil ħames metri u ma reġgħax inżebagħ meta tlesta x-xogħol iżda xorta kien hemm qbil li jintalab il-permess ta' Transport Malta.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Sular taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

6.36 Is-Sur Mercieca ippropona li jsir *weekend break* f'Malta. Il-membri qablu li jiġu iċċekjati l-prezzijiet.

6.37 Is-Sur Mercieca qal li ġie avviċinat minn xi residenti minn parti minn Triq il-Għajn bejn Triq Kappillan Hili u Triq il-Qalb ta' Gesu' li qed ikun hemm parkeġġ fuq iż-żewġ naħħiet tat-triq bil-konsegwenza li t-traffiku qiegħed jeħel. Hu ma jrid iweġġa' lil ħadd u ma jixtieqx jieħu azzjoni iżda la kellmuh xi residenti ma jistax ma jinfurmax lil Kunsill.

7. Aġġornament tal-Laqgħa

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa, 27 ta' Mejju 2015 fil-5.30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' fil-għaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555